

Il-Ġurnal Uffiċjali L 297

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

18 ta' Novembru 2019

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni Tal-Kunsill (UE) 2019/1915 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusija dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi** 1

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1916 tal-15 ta' Novembru 2019 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-użu ta' tagħmir ajrudinamiku ta' wara skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE** 3

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1917 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-7 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Anness 3 għall-Ftehim** 5

Rettifika

- ★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/299/PESK tat-23 ta' Mejju 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 136, 24.5.2011)** 7
- ★ **Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 088, 24.3.2012)** 8

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1915

tal-14 ta' Ottubru 2019

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati mar-Repubblika tal-Belarussja dwar Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi ("il-Ftehim"), b'mod parallel man-negozjati ta' Ftehim dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni. In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim permezz ta' skambju ta' posta elettronika fis-17 ta' Ġunju 2019.
- (2) Fid-Dikjarazzjoni tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tas-7 ta' Mejju 2009, l-Unjoni u l-pajjiżi sħab esprimew l-appoġġ politiku tagħhom lejn il-liberalizzazzjoni tar-reġim tal-viża f'ambjent sikur u jaffermaw mill-ġdid l-intenzjoni tagħhom li jieħdu passi gradwali lejn reġim mingħajr viża għaċ-ċittadini tagħhom fiż-żmien opportun.
- (3) L-iskop tal-Ftehim huwa li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn maħsub għal mhux aktar minn 90 jum f'kull perjodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Belarussja.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE ⁽¹⁾; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhuwiex marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE ⁽²⁾; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (7) Il-Kunsill jenħtieġ li jiddeċiedi dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fid-dawl tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-sigurtà u l-integrità tas-sistema tal-Belarussja għall-ħruġ ta' passaporti diplomatiċi bijometriċi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom.
- (8) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat filwaqt li jiġu approvati d-Dikjarazzjonijiet Konġunti meħmuża mal-Ftehim,

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar fisem l-Unjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi ⁽³⁾.

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjonijiet Konġunti mehmuża mal-Ftehim għandhom jiġu approvati fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa sabiex jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sigurtà u l-integrità tas-sistema tal-Belarusja għall-ħruġ ta' passaporti diplomatiċi bijometriċi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom, u għandha tikkomunika l-valutazzjoni tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi, fid-dawl ta' tali valutazzjoni, dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
J. LEPPÄ

⁽³⁾ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1916

tal-15 ta' Novembru 2019

li jstabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-użu ta' tagħmir ajrudinamiku ta' wara skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE tal-25 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi għal ċerti vetturi tat-triq li jiċċirkolaw fi ħdan il-Komunità id-dimensjonijiet massimi awtorizzati fit-traffiku nazzjonali u internazzjonali u l-piżijiet massimi awtorizzati fit-traffiku internazzjonali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8b(4) tagħha,

Billi:

- (1) It-titjib fil-prestazzjoni ajrudinamika tal-vetturi għandu potenzjal sinifikanti li jnaqqas il-konsum tal-fjuwil u b'hekk jonqsu l-emissjonijiet tas-CO₂. Madankollu, ma jistax isir titjib sinifikanti fil-prestazzjoni ajrudinamika tal-vetturi sakemm id-dimensjonijiet awtorizzati tal-vetturi tat-triq, inkluż it-tagħmir ajrudinamiku, ma jkunux jippermettu dan. Għalhekk ġiet emendata d-Direttiva 96/53/KE biex tkun tipprovdi derogi għat-tul massimu awtorizzat tal-vetturi, fuq quddiem u fuq wara, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet.
- (2) Biex tkun żgurata s-sikurezza tat-tagħmir ajrudinamiku ta' wara li jkun jista' jiġi rtirat jew jintewa, jenħtieġ jiġu speċifikati s-sitwazzjonijiet meta jkun jista' jintuża, jew jingħalaq, dan it-tagħmir, b'mod partikolari, fir-rigward tal-qrubija ta' utenti oħra tat-triq, il-karatteristiċi speċjali taż-żona u l-limiti tal-veloċità. Jenħtieġ ikun żgurat li t-tagħmir ajrudinamiku ta' wara li jkun jista' jiġi rtirat jew jintewa, ikun kompatibbli ma' operazzjonijiet tat-trasport intermodali, b'mod partikolari waqt l-immanuvrar fuq jew 'il barra mill-unitajiet tat-trasport intermodali u biex ikun jiftaħ għall-forzi tar-riħ meta jkun qed jiġi trasportat fuq dawn l-unitajiet.
- (3) Jenħtieġ jiġi nnotat ukoll li l-vetturi jew il-kombinazzjonijiet tal-vetturi mmuntati b'tagħmir ajrudinamiku ta' wara jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 96/53/KE, u b'mod partikolari ma' dawk relatati maċ-ċirku stabbilit fil-punt 1.5 tal-Anness I tagħha.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 10i(2) tad-Direttiva 96/53/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet dettaljati għall-użu ta' tagħmir ajrudinamiku ta' wara mmuntat fuq vetturi u kombinazzjonijiet ta' vetturi skont id-Direttiva 96/53/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 235, 17.9.1996, p. 59.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "tagħmir" tfisser tagħmir ajrudinamiku mmuntat fuq wara ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi;
- (b) "pożizzjoni ta' waqt l-użu" tfisser il-pożizzjoni ta' tagħmir skjerat f'pożizzjoni ajrudinamika li tnaqqas il-frizzjoni;
- (c) "pożizzjoni magħluqa" tfisser il-pożizzjoni ta' tagħmir f'pożizzjoni li jkun jista' jiġi rtirat jew jintewa, b'mod li jkun sigur u sikur.

*Artikolu 3***Kundizzjonijiet operattivi**

1. L-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu ċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi jew ta' kombinazzjonijiet ta' vetturi mġhamra b'tagħmir fil-pożizzjoni ta' waqt l-użu f'żoni urbani jew interurbani, meta dan ikun meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċjali ta' dawn iż-żoni, b'mod partikolari fejn il-limiti tal-veloċità jkunu 50 km/h jew anqas u fejn jaf ikun hemm utenti tat-triq vulnerabbli.

2. It-tagħmir għandu jkun fil-pożizzjoni magħluqa meta jew fejn ikun hemm b'żonn ċertu attenzjoni jew kunsiderazzjoni speċjali. Dan jiġifieri:

- (a) waqt l-immanuvrar, l-irrivversjar jew l-ipparkjar tal-vettura;
- (b) meta l-vettura tkun ipparkjata;
- (c) waqt li jkunu qed jgħabbu jew iħottu xi oġġetti.

3. L-użu tat-tagħmir fl-operazzjonijiet tat-trasport intermodali għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) waqt it-tnejn tat-trasport intermodali jew waqt it-trasport innifsu, it-tagħmir għandu jkun fil-pożizzjoni magħluqa;
- (b) it-tagħmir ma għandux jisporġi 'l barra b'aktar minn 25 mm fuq kull naħa tal-vettura u l-wisa' totali tal-vettura, inkluż it-tagħmir, ma għandhiex tkun aktar minn 2 600 mm;

4. It-tagħmir difettuż, mhux sikur jew bil-ħsara għandu jinżamm fil-pożizzjoni magħluqa jew, meta possibbli, jitneħħa minnufih.

5. B'eċċezzjoni għall-paragrafi 2 u 3(a), it-tagħmir mhuwiex meħtieġ li jkun fil-pożizzjoni magħluqa jekk, skont il-punt 1.3.1.1.3 tal-Parti B, il-punt 1.3.1.1.3 tal-Parti C, u l-punt 1.4.1.1.3 tal-Parti D tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1230/2012, ma jkunx meħtieġ li dan it-tagħmir irid ikun jista' jiġi rtirat jew irid ikun jista' jintewa, billi jkunu qed jiġu ssodisfati r-rekwiżiti dimensjonali massimi fil-kundizzjonijiet kollha.

*Artikolu 4***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1917

tat-3 ta' Diċembru 2018

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fis-7 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi fir-rigward ta' ċerti emendi għall-Anness 3 għall-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1999 u ġie approvat f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE⁽¹⁾.
- (2) Skont l-Artikolu X(5) tal-Ftehim, il-Laqgħa tal-Partijiet tista' tadotta emendi għall-Annessi għall-Ftehim.
- (3) Waqt is-7 sessjoni, li ser issir mill-4 sat-8 ta' Diċembru 2018 f'Durban, l-Afrika t'Isfel, il-Laqgħa tal-Partijiet mistennija tadotta riżoluzzjoni dwar l-adozzjoni ta' emendi għall-Annessi 2 u 3 għall-Ftehim.
- (4) L-emendi proposti tal-Anness 3 għall-Ftehim sottomessi mill-Uganda u stipulati fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 7.3 jikkonċernaw id-disa' speċijiet li ġejjin: l-Edredun — *Somateria mollissima*, is-Serra — *Mergus serrator*, il-Brajmla — *Aythya ferina*, il-Gallina tal-baħar — *Haematopus ostralegus*, il-Venewwa — *Vanellus vanellus*, il-Girwiel Denbu bl-Istrixxi — *Limosa lapponica*, il-Girwiel Prim — *Limosa limosa*, il-Girwiel Saqajh Qosra/Il-pluverott iż-żgħir — *Calidris canutus* u ċ-Ċuvett — *Tringa erythropus*, jikkontribwixxu għall-kisba ta' protezzjoni akbar ta' dawk il-popolazzjonijiet ta' speċijiet li qed jonqsu u għalhekk jenħtieġ li jiġu approvati f'isem l-Unjoni. Madankollu, f'konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Deċiżjoni 2006/871/KE, il-Kummissjoni għandha ddaħħal riżerva fir-rigward tal-emendi proposti li jikkonċernaw id-disa' speċijiet ta' hawn fuq, peress li dawn jeħtieġu emenda tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽²⁾, li ma tkunx fattibbli fi żmien 90 jum mid-data tal-adozzjoni tagħhom mill-Laqgħa tal-Partijiet.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-7 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet fir-rigward tal-emendi proposti, peress illi r-Riżoluzzjoni ser tkun vinkolanti fl-Unjoni u ser ikollha l-kapaċità li tinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, prinċipalment id-Direttiva 2009/147/KE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-7 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi għandha tkun li ġejja:

L-Unjoni għandha tapprova l-emendi għall-Anness 3 għall-Ftehim sottomessi mill-Uganda u stipulati fl-abbozz tar-Riżoluzzjoni 7.3 tas-7 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet li dwar id-disa' speċijiet li ġejjin: l-Edredun — *Somateria mollissima*, is-Serra — *Mergus serrator*, il-Brajmla — *Aythya ferina*, il-Gallina tal-baħar — *Haematopus ostralegus*, il-Venewwa — *Vanellus vanellus*, il-Girwiel Denbu bl-Istrixxi — *Limosa lapponica*, il-Girwiel Prim — *Limosa limosa*, il-Girwiel Saqajh Qosra/Il-pluverott iż-żgħir — *Calidris canutus* u ċ-Ċuvett — *Tringa erythropus*.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/871/KE tat-18 ta' Lulju 2005 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar tal-Ilma Migratorji Afro-Ewroasjatiċi (ĠU L 345, 8.12.2006, p. 24).

⁽²⁾ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2018.

Għall-Kunsill
Il-President
N. HOFER

RETTIFIKA**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/299/PESK tat-23 ta' Mejju 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran****(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 136 tal-24 ta' Mejju 2011)**

Fil-paġna 70, fl-Anness I, l-intestatura II, taħt is-subintestatura "Entitajiet", l-entrata 3 ("Mehr Bank (magħruf ukoll bħala Mehr Finance and Credit Institute; Mehr Interest- Free Bank)", fit-tieni kolonna ("Informazzjoni identifikattiva"),

minflok: "204 Taleghani Ave., Tehran, Iran",

aqra: "No. 182, Shahid Tohidi St, 4th Golsetan, Pasdaran Ave, Tehran 1666943, Iran".

**Rettifika tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi
kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 88 tal-24 ta' Marzu 2012)

Fil-paġna 82, fl-Anness IX, l-intestatura II, taht is-subintestatura B ("Entitajiet"), l-entrata 9 ("Mehr Bank (magħrufa wkoll bħala Mehr Finance and Credit Institute; Mehr Interest-Free Bank)"), fit-tieni kolonna ("Informazzjoni identifikattiva"),

minflok: "204 Taleghani Ave., Tehran, Iran",

aqra: "No. 182, Shahid Tohidi St, 4th Golsetan, Pasdaran Ave, Tehran 1666943, Iran".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

